A.L. 137 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2007 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Min Jipprepara l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' min Jipprepara l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 dwar Reġistrazzjoni ta' min Jipprepara l-Ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel bħala Suprintendent.

2. Kull referenza għal kelma 'is-Suprintendent' fir-regolamenti prinċipali għandha tinftiehem bħala referenza għal Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel, kif definiti fl-Artiklu 2 u kif indikati fl-Artiklu 5 tat-Tieni Taqsima ta' l-Att ta' l-2002, dwar is-Sigurtà fl-Ikel.